# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Rik. Nru. 912/16JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 912/16 fl-ismijiet:

**S.O.C. & K. Co. LIMITED** (C-8141)

vs

Edward **CAUCHI** u Mary Cauchi

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-17 ta' Ġunju, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija rikorrenti talbet li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex iżżomm lill-intimati milli "b'ebda mod jagħlqu l-aċċess li tagħti għal proprjeta' tagħhom u li qiegħda Triq Rużar Briffa, il-Mosta, liema aċċess l-intimati qegħdin jheddu li jagħlqu f'każ illi l-esponenti ma jivversawx somma ta' flus fl-ammont ta' mitejn elf Ewro (€ 200,000)";

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Ġunju, 2016, li bih laqgħet it-talba b'mod provviżorju, ordnat in-notifika lill-intimati u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tas-27 ta' Ġunju, 2016;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati miżżewġin Cauchi fil-21 ta' Ġunju, 2016, li biha laqgħu għat-talba tal-kumpannija rikorrenti billi, għar-raġunijiet hemm imfissra, qalu li l-Mandat ma jmissux jinħareġ għaliex, fl-ewwel lok, ma tistax issir talba għall-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju biex iwaqqaf l-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija minn Qorti tal-Appell u li tkun saret ġudikat. Żiedu jgħidu li l-istess kumpannija rikorrenti diġa' fetħet proċeduri quddiem il-Qorti xierqa biex twaqqaf l-eżekuzzjoni tas-sentenza msemmija, u għalhekk it-talba tal-kumpannija rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat hija abbużiva tal-proċeduri;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-27 ta' Ġunju, 2016, f'liema data ħalliet ir-rikors għall-provvediment;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

***Ikkunsidrat:***

Tqis li l-kumpannija rikorrenti qiegħda titlob il-ħruġ tal-Mandat biex twaqqaf lill-intimati milli b'xi mod jagħlqu mogħdija li wieħed irid jgħaddi minnha biex jidħol fi ħwejjiġha, liema mogħdija tinsab f'ġid tal-intimati li jinsab fi Sqaq Numru wieħed (1), Triq Stivala, Mosta;

Tqis li din il-mogħdija hija l-mertu ta' kwestjoni bejn il-partijiet u li tqajmet f'kawża miftuħa kontra l-kumpannija rikorrenti mill-intimati miżżewġin Cauchi fl-2007[1];

Tqis li bis-saħħa tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell, il-mogħdija nstab li kienet tappartjeni lill-intimati bħala mogħdija privata u l-kumpannija rikorrenti ma kellhiex jeddijiet fuqha;

Tqis li wara l-għoti ta' dik is-sentenza, preċiżament fis-17 ta' Ġunju, 2016, il-kumpannija rikorrenti fetħet proċedura għar-ritrattazzjoni taħt l-

[1] Rik. Nru. 1059/07AF (maqtugħ b'mod definittiv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Ċivili fid-29 ta' April, 2016)

artikoli 811(e) u 811(l) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili[2]. Dakinhar ukoll hija fetħet kawża biex titlob is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza taħt l-artikolu 823(2) tal-istess Kodiċi[3], u kif ukoll ressqet ir-Rikors tal-lum għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[4];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[5]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[6];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[7]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas

---
[2] Rik. Nru. 1059/2007/2
[3] Rik. Nru. 283/2016/1
[4] Art. 873(1) tal-Kap 12
[5] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[6] Art. 875(3) tal-Kap 12
[7] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell tikkostitwixxi ġudikat. Dan tagħrfu wkoll l-istess kumpannija rikorrenti li nediet proċedura ta' ritrattazzjoni minn dik is-sentenza. Ir-ritrattazzjoni tista' ssir biss dwar sentenzi li jkunu saru ġudikat;

Tqis l-jedd *prima facie* li l-kumpannija rikorrenti tgħid li għandha jikkonsisti fil-ħarsien tal-jedd tagħha fuq il-mogħdija sakemm tinqata' l-kawża tar-ritrattazzjoni;

Tqis li, għall-kuntrarju ta' dak li tallega l-kumpannija rikorrenti, sakemm il-qagħda tibqa' kif inhi, il-kumpannija rikorrenti ma għandha l-ebda jedd *prima facie* xi tħares fuq il-mogħdija ladarba s-sentenzi li ngħataw (fl-ewwel u fit-tieni grad) tennew li l-jeddijiet huma tal-intimati Cauchi;

Tqis ukoll li safejn it-talba għall-ħruġ tal-Mandat hija maħsuba biex twaqqaf l-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv (is-sentenza), ma jidhirx li dan jista' jsir jew li huwa proċeduralment sewwa. L-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv ma tistax titwaqqaf bil-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju, iżda hemm proċedura partikolari maħsuba mil-liġi li biha wieħed jista' jattakka l-eżekuzzjoni ta' titolu bħal dak quddiem il-Qorti li tkun ser tisma' l-kawża tar-ritrattazjoni. Diġa' ntwera li l-istess kumpannija rikorrenti irrikorriet għal dak ir-rimedju u għamlet hekk fl-istess waqt li ressqet it-talba tagħha għall-ħruġ ta' dan il-Mandat;

Tqis li ladarba l-liġi tagħti rimedju proċedurali ieħor xieraq, jonqos ukoll l-element tal-ħtieġa li jinħareġ il-Mandat ladarba l-ħsara li tista' ġġarrab il-kumpannija rikorrenti li kieku ma jinħariġx il-Mandat hija rimedjabbli mod ieħor bi proċedura oħra;

Tqis għalhekk li, għall-finijiet tal-artikolu 873(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ħruġ tal-Mandat mitlub mill-istess kumpannija rikorrenti mhuwiex meħtieġ biex jitħares il-jedd pretiż tagħha;

Tqis għalhekk li ma jirriżultawx l-elementi kollha maħsuba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat mitlub;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba tal-kumpannija rikorrenti** billi ma jirriżultax li jeżistu l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub, **bl-ispejjeż** kontra l-istess kumpannija rikorrenti.

Mogħti kameralment illum, il-Ħamis, 30 ta' Ġunju, 2016.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**